3 ta' Frar, 1950.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Costantino Balzan et. *versus* Carmelo Chetcuti et.**

## Preskrizzjoni — Gurament — Appell — Spejjeż — Art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-ġurisprudenza tagħna ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-pagament; għax il-ġurament li l-eċċipjent jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda li mhux debitur, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-eċċipjent mhux debitur.*

*Meta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiġi mogħtija fit-Tieni Istanza, l-eċċipjent għandu jbati biċċa mill-ispejjeż, anki jekk l-eċċezzjoni tiġi milqugħa.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £37. 10. 0 għal sena u tliet xhur kera mill-1 ta' Diċembru 1927 sat-28 ta' Frar 1929, tar-razzett imsejjaħ "Ta' Santu r-Rokku", li qiegħed il-Ħamrun, fi Strada Santa Venera. Bl-ingħax kummerċjali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' April 1949, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, salva l-kompensazzjoni riżultanti mill-likwidazzjoni ta' l-assoċjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet skond ir-rapport peritali, skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi mill-perizja rriżulta li l-attur għandu jieħu kemm talab fit-taħrika, għax il-konvenut għamel użu tar-razzett għal żmien komparativament twil wisq biex żamm il-bhejjem tiegħu, u ma ġiex pruvat li l-attur ikkompensa l-kera bid-demel tal-bhejjem tal-konvenut. Barra minn dan, irriżulta mix-xhieda ta' l-attur, li bejn il-partijiet kien hemm ftehim espress ta' kirja bit-£30 fis-sena kera, u dana jeskludi l-użu tal-gratuwità tat-tgawdija tar-razzett;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Elia Borg nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi

revokata, billi t-talba attriċi tiġi respinta bl- spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat fil-fol. 54 in-nota ta' l-appellant nomine li ġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali kontra l-kreditu reklamat biċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kera mitlub biċ-ċitazzjoni huwa għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 1927 sat-28 ta' Frar 1929, u l-preskrizzjoni applikabili hija dik ta' hames snin stabbilita mill-art. 2261 par. (c) tal-Kodiċi Ċivili. Billi din iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fis-27 ta' Jannar 1941, sa dak in-nhar it-terminu tal-preskrizzjoni kien ilu li għalaq, u għalhekk hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk fl-intervall dik il-preskrizzjoni ġietx b'xi mod interrotta jew rinunzjata;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1950, fil-kawża "Borg vs. Barbara", ma għadhiex milqugħa mil-ġurisprudenza tagħna t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-pagament; għaliex il-ġurament li l-eċċipjent jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda dak li mhux debitur (art. 2265 Kodiċi Ċivili). Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-attur mhux kreditur;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għall-ġurisprudenza fuq ċitata, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant għandha tiġi milqugħa, billi mill-provi kollha li saru, tant f'din il-kawża kemm fl-oħrajn bejn l-istess partijiet, li għalihom saret riferenza, ma jirriżultax li ġiet interrotta jew rinunzjata. Infatti d-diportament ta' l-appellant kien dak ta' bniedem li mhux debitur għaliex ebda kumpens għall-kera ma kien dovut lill-appellant; u kif ingħad fuq, din l-eċċezzjoni hija kompatibili ma' dik tal-preskrizzjoni, billi twassal għall-konsegwenza li l-attur mhux kreditur;

Ikkunsidrat;

Illi, kif sostniet din il-Qorti fit-12 ta' Lulju 1918 fil-kawża "Micallef vs. Page" (Kollez. Vol. XXIII—I—948), billi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet moghtija f'dina l-istanza, l-appellant ghandu jbati biċċa mill-ispejjeż tal-kawża;

Ghaldaqshekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant; u konsegwentement tilqa' l-appell, billi tichad it-talba migjuba biċ-ċitazzjoni u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fis-7 ta' April 1949. L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi ghandhom jibqghu minghajr taxxa, bl-ispejjeż tar-reġistru kontra l-appellata Maria Stella Balzan nomine.